# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn hdax (11) ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru 203/15 FDP**

**Master Enterprises Co Ltd (C35359)**

**vs**

**MC Developments Ltd (C 36133)**
**U**
**Mario Spiteri**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl 14 ta' Lulju 2015 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata MC Developments Limited thallasha s-somma ta' hdax-il elf, hames mija u wiehed Euro u sitta u disghin centezmu (€11,501.96) rappresentanti prezz ta' merkanzija minnha ordnata u kkonsenjata, liema somma hija garantita personalment minn Mario Spiteri, bl-imghax u spejjez.

Rat ir-risposta ta' Mario Spiteri ppresentata fit-30 ta' Mejju 2016 fejn laqa' ghal dak miltub billi qal is-segwenti:

1. *Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti Mario Sputeri qatt ma inkariga lil Master Enterprises Co Ltd personalment jew qatt ta' xi garazija ta' hlas ta' xi ammont, u konsegwentement m'ghandu ebda relazzjoni guridika u mhuwiex l-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju*

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata MC Developments Limited ppresentata fit 30 ta' Mejju 2016 fejn laqghetghal dak mitlub billi qalet is-segwenti:

1. *Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwentement u f'kill kaz, it-talba tas-socjeta attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.*

3. *Illi s-socjeta attrici ghandha tipprova dakminnha reklamat.*

4. *In kwantu l-conduits kkonsenjati lis-socjeta attrici ma kienux tal-kwalita' pattwita, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza*

Semghet ix-xhieda ta' **Emanuel Micallef**, Direttur u Azzjonist tas-socjeta rikrorenti Master Enterprises Limited, moghtija fl-10 ta' Ottubru 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita ossija '*Limitation Liability Credit Application Form & Conditions of Sale*' maghmulha mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata u ffirmata minn Mario Spiteri bhala '*Personal Guarantor*' (fol 26), kf ukoll Statement of Account datat 10 ta' Gunju 2016 (fol 23).

Rat illi fl-10 ta' Ottubru 2016 is-socjeta rikorrenti ddikjarat il-provi taghha maghluqa.

Rat illi fl-14 ta' Novembru 2016 l-intimaat Mario Spiteri ressaq eccezzjoni ulterjuri fejn qal is-segwenti:

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu jirreferu ghall-hlas allegatament rezi oltre l-perjodu ta' hames snin qabel ma giet intavolata l-kawza jinsabu preskritti ghat-tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Semghet ix-xhieda ta' **Mario Spiteri** moghtija fis 27 ta' Marzu 2017, fil 25 ta' Settembru 2017 u fit 30 ta' Ottubru 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fil-mori tal-kawza, il-partjiet ltaqghu u, wara li s-socjeta rikorrenti rat l-merkanzija illi kienet ghadha ghand is-socjeta intimata, accettat illi tiehu lura uhud mill-merkanzija, u dana fil-valur ta' €1,326.29. (fol 64).

Rat illi ghalhekk fit 3 ta' Mejju 2018 is-socjeta rikorrenti ddikjaratilli kienet qed tirriduci t-talba taghha ghall-ammont ta' €10,235.66 filwaqt illi esebita statement aggornat in sostenn ta' tali talba kif ridotta. (fol 66).

Rat illi fit-3 ta' Mejju 2018 is-socjeta rikorrenti ippresentat statement tat-transazzjonijiet kollha illi kien hemm bejn is-socjeta rikorrenti u s-socjeta intimata. (fol 69)

Rat illi fis 17 ta' Mejju 2018 il-partijiet qabblu illi l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti tissupplixxi merkanzija ta' dawl u ilma ghall-kostruzzjoni u s-socjeta intimata kellha zvilupp illi kienet qieghda taghmel u xtrat il-materjal mehtieg minghand l-istess socjeta rikorrenti.

Jirrizulta illi, bhala parti mill-arrangamenti ta' bejniethom, fit-8 ta' April 2010, is-socjeta intimata iffirmat dokument fejn qabblet illi pagamenti kellhom isiru fi zmien tletin jum. (fol 26)

Jirrizulta illi, fl-istess dokument, Mario Spiteri dahal bhala '*Personal Guarantor*' ghas-socjeta intimata, sabiex jaghmel tajjeb ghaliha f'kaz ta' nuqqas da parte tas-socjeta intimata.

Jirrizulta, ghalhekk, illi ma huwiex minnu dak illi jeccepixxi l-intimat Mario Spiteri, illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur, stante illi huwa dahal garanti ghas-socjeta intimata.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi s-socjeta intimata, kif ukoll l-intimat sussegwentement, jikkontendu illi l-kont huwa preskritt bit-trapass ta' hames snin, u dana a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16. Tali artikolu jikkontempla illi certa azzjonijiet jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin, u dawna jinkludu s-segwenti:

> *l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

Jirrizulta illi l-azzjoni odjerna saret fl-14 ta' Lulju 2015 u ma jirrizultax, mill-provi prodotti, illi saret xi interpellana gudizzjarja qabel.

Jirruzlta illi, skond l-istatement ippresentat mis-socjeta rikorrent u li fuqu qieghda tigi bbazata l-kawza odjerna, kemm originalment (fol 23), kif ukoll sussegwentement wara illi s-socjeta rikorrenti hadet lura xi oggetti minghand is-socjeta intimata (fol 66), illi l-ewwel konsenja ta' affarjiet saret fis-7 ta' Awissu 2010.

Jirrizulta, ghalhekk, illi l-azzjoni odjerna saret entro il-periodu ta' hames snin stabbilit mill-Ligi, u ghalhekk l-azzjoni odjerna ma hijiex preskritta.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimat Mario Spiteri, waqt ix-xhieda tieghu, kkontenda illi kien hemm pagamenti maghmulha minnu fil-5 ta' Frar 2011 fl-ammont ta' €1,000 (fol 44) u fis-7 ta' Marzu 2011 fl-ammont ta' €400 (fol 45) illi ma gewx imnaqqsa mill-kont, u li ghandhekk dawk kellhom jitnaqqsu mill-ammont dovut.

Jirrizulta, madanakollu, illi fl-istatement tas-socjeta rikorrenti esebit fit-3 ta' Mejju 2018 a fol 69 et seq tal-process, u aktar precizament a fol 72 ta' l-istess process, jidher car illi z-zewgt pagamenti imsemmija mill-intimat Mario Spiteri kienu attwalment imnizzla mis-socjeta rikorrenti u, di fatti, t-total indikat f'tali statement huwa kwazi l-istess ghal dak indikat bhala dovut fir-rikors promotur, ossija €11,561.96, fejn fir-rikors promotur qed jintalab il-hlas ta' €11,501.96.

Jirrizulta, ghalhekk, illi l-argument mressaq mill-intimat illi saru hlasijiet illima giewx mehudha in konsiderazzjoni ma jregix.

Ikkunsidrat

Jirrizulta illi waqt il-mori tal-kawza, fuq stedina tal-Qorti stess, il-partijiet ltaqghu u s-socjeta rikorrenti hadet lura minghand is-socjeta intimata ammont ta' merkanzija illi l-istess socjeta rikorrenti qieset illi setghu jittiehdu lura, u tali merkanzija kiene tammonta ghal €1,326.29.

Jirrizulta, ghalhekk, illi t-talba tas-socjeta rikorrenti giet ridotta minn €11,501.96. ghall €10,235.66.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati,

**Tilqa** t-talba attrici kif ridotta, u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata MC Developments Limited u lill-intimat Mario Spiteri, in solidum bejniethom, ihallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' ghaxart elef, mitejn u hamsa u tletin euro u sitta u sittin centezmu (€10,235.66) rappresentant somma dovuta ghall-merkanzija debitament mibjugha u kkonsejnata lill-intimati mis-socjeta rikorrenti izda qatt imhallsa.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mid-data tal-avviz, ossija mil 14 ta' Lulju 2015 sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimati in solidum bejiethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur